**Lorna Vassallo**

**L-Orizzont**

**Data ta' Pubblikazzjoni : Il-Gimgha 18 ta' Jannar 2002**

# Argentinopolis

Illum xtaqt niftah, billi nikkummenta dwar il-gideb abjad jew ahjar, bil-lingwa Ingliza 'white lies'. Wahda minnhom zgur li qalha l-Prim Ministru meta qal, li Malta mhix se tkun kostretta ddahhal l-Euro bhala l-munita taghha ladarba hi ssir parti mill-U.E.

Ghalkemm imnieher il-Prim Ministru ma twalx fil-hin li qal il-gidba u, ghalkemm ma rajniex slaleb fuq mohhu, jew inkella ma dehret l-ebda raggiera ta' nuqas ta' taghrif seju madwar rasu, l-MIC ghall-ewwel darba fl-istorja kontradiet il-Prim Ministru minkajja d-Lm900,000 li ghandha bzonn biex tinforma l-poplu dwar l-Unjoni (jaqaw hawn xi referendum jew elezzjoni fil-qrib?)

Minkejja l-kumplimenti li l-MIC ma tistax ma taghtix lill-Gvern, ghax hu sors finanzjarju ghaliha (u min jaf dan is-sors minn liema sors ikbar qed igibhom il-flus) – nittama li mhuxmit-tahwid ta' finanzi li ma kienux 'accounted for' mill-Qorti ta' l-Awdituri Ewropea!) – minkejja dan kollu Dr Simon Busuttil dehrlu, gustament, li ghandu jikkoregi l-Prim Ministru flok jimmizinforma lill-poplu. Xi kultant xi ragg ta' tama x'imkien ma jaghmilx hazin!

Id-dhul ta' l-Euro f'pajjizna, jekk jittiehed pozittivament, ifisser, li bhala Maltin ma jkollniex noqghodu naqilbu l-flus minn Maltin ghall-Euro meta nzuru xi postijiet fl-Ewropa li huma membri tal-Unjoni u nehilsu minn dan l-istrapazz u xoghol zejjed kollu – jekk mehux negattivament ifisser id-dipendenza totali kollha tal-munita 'Maltija' fuq dak li qed jigri finanzjarjament fl-Unjoni – fi kliem iehor – it-telf ta' l-indipendenza finanzjarja kolha.

Hu ghalhekk li l-bidla tal-munita' m'hi xejn bidla ta' rtokk imma struttura gdida finanzjarja.

Veru li jekk ma jkollokx tibdel il-flus m'intix se titlef mill-valur taghhom imma xi hadd xi darba qies il-valur ta' l-indipendenza finanzjarja ta' nazzjon?

U dwar dak li ghaddej minnu n-nazzjon hemm ukoll x'wiehed jghid – specjalment finanzjarjament.

Mhux bi zball li llum laqqamt l-artiklu tieghi l-Argentinopolis. Kulhadd jaf x'gara dan l-ahhar fl-Argentina, fejn nibtet gwerra civili sforz tad-dwejjaq tal-poplu u t-tmexxija hazina li wasslet ghall-irvellijiet.

Sfortunatament, il-poplu taht il-madmad ta' tmexxija li kuljum kienet qieghda tifnih, kellu jieqaf lil ta' fuqu biex kemm jista' jkun ma jhallix lill-ekonomija tal-pajjiz sejra ghan-nizla.

Ta' min jghid, li l-Argentina, art kbira mmens ta' diversi kulturi u rizorsi, ghandha popolazzjoni ta' 24 miljun persuna.

Ghall-popolazzjoni taghha ghandha f'dejn ta' $160 biljun Dollaru Amerikan. Jekk nahdmu d-dejn per capita, jigifieri r-ras, dan jaghtina cifra ta' dejn ta' Lm10,000 Dollaru Amerikan kull ras.

Malta ghandna 400,000 persuna (massimu). U dal-pajjiz ckejken ghandu madwar $4 biljun Dollaru Amerikan f'dejn. Dan ifisser li, per capita, jigifieri r-ras, minn kalkoli nohorgu cifra ta' dejn ta' Lm10,000 Dollaru Amerikan ghal kull cittadin tal-pajjiz. Ghal li jista' jkun nistghu naghmlu ahna wkoll gwerra civili?

Din il-gimgha thabbar li l-Unjoni se taghti soma lil Malta biex teghleb il-problema tal-Maghtab. Imma wiehed dlonk jinnota kemm kien ikun ahjar li t-tant flus li nfaqna nigru wara l-UE kien ikun ahjar ghalina li tfanihom ma' l-ewwel ghal dan l-ghan.

Id-differenza hi wahda u importanti. Meta kellna flusna f'idejna sajan naghmlu bihom li rridu. Ghazilna li nitfghuhom fuq l-Unjoni. Issa qeghdin nifirhu ghax l-UE kellha l-qalb tajba li taghtina ftit minn dawk il-flus lura.

Qisna qeghdin nitkarrbu ghalihom. Din hi t-tip ta' dipendenza li se tinholoq bi shubija shiha fl-UE. U ovvjament, jekk tigi affettwata fil-fatt is-shubija shiha – dak li ahna jkollna naghtu lill-Unjoni, l-Unjoni tippretendih bi dritt.

Imma l-fondi ta' l-Oggettiv Numru Wiehed dak m'hemm l-ebda drittijiet fuqhom, imma huma kollha a diskrezzjoni tal-Unjoni. Mela l-ewwel tajtek flusi , imbaghad noqghod nurik kemm ghandi bzonnhom biex forsi taghtini ftit lura minnhom! Stajna zammejnihom mal-ewwel fil-kaxxa ta' Malta!

Hu fatt li l-muntanja tal-Maghtab dejjem toghla lejn is-smewwiet imma zgur li mhux il-muntanja tal-flus. Imma ikun aktar f'waqtu li mal-muntanja tal-Maghtab, invece, inqabblu l-muntanja tad-dejn ta' pajjizna.

Pajjizi ferm akbar minna sa holqu gwerer civili ghax ghandhom id-djun. M'ahniex Argetina, imma Argentinopolis, ghalkemm ma nafux. Mhux ta' b'xejn, kelma wahda fuq fomm kull min irid jahbi l-verita' – 'Unjoni! Unjoni' Ahjar mill-kelma ferjn ikreh 'Dejn! Dejn'